MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Talba Numru. 2034/2003

**Vivaldi Hotels Operations Limited**

**Vs**

**JBC Trading Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm385.00c (tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin) rapprezentanti l-hlas dovut ghas-servizzi t'akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta' attrici fil-lukanda Golden Tulip Vivaldi Hotel fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta, nonostante li giet debitament interpellata thallas l-ammont dovut baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba u ta' l-Ittra Interpellatorja datata 15 ta' Lulju 2003 u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------